5 ta' Frar, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Amabile Gauchi, M.L.A. *versus* Ġanni Attard

## Inġurja — Verità tal-Fatti — Prova

*Meta l-kwerelat ikun ammess jagħmel il-prova tal-verità tal-fatti, il-pożizzjoni tinverti ruħha "pro tempore", billi l-kwerelat isir akkużatur privat u l-kwerelant ikun qiesu fil-pożizzjoni ta' akkużat.*

*Tista' ssir il-prova ta' attijiet kommessi mill-akkużat simili għal dawk li jkunu addebitati lilu fil-kawża, meta dawn l-attijiet juru "a system of conduct" jew "individual technique" tal-akkużat; basta li jkun hemm xi konnessjoni bejn il-fatt in eżami u l-attijiet li tintalab il-prova tagħhom.*

*Għaldaqstant, jekk il-kwerelant ġie lilu attribwit li bħala membru tal-Assemblea Leġislattiva huwa rċieva flus minn għand il-kwerelat biex iħaddmu mal-Gvern, il-kwerelat, li jassumi l-prova tal-verità tal-fatti, għandu jiġi ammess biex jagħmel prova li turi li l-kwerelant mexa bl-istess manjiera ma' diversi persuni fl-istess epoka li fiha kien membru tal-Assemblea Leġislattiva; għaliex, suppost dawk il-fatti tal-aħħar ikunu veri, allura juru "system of conduct", li ċjoè bniedem sistematikament japprofitta ruħu mill-kwalità tiegħu ta' deputat biex jirċievi flus u rigali oħra biex iħaddem in-nies mal-Gvern; u hemm dak in-"nexus" li jeħtieġ biex dik il-prova ssir ammissibbli.*

*Domandi simili, però, ma jistgħux isiru lill-kwerelant, jekk dan ma jkunx irid jirrispondi għalihom; għax il-kwerelant, una volta ammessa l-proċedura tal-prova tal-verità tal-fatti, isir qiesu akkużat, u l-akkużat ma jistgħax jiġi mġiegħel biex jixhed, jekk ma jagħżelx li jixhed huwa stess.*

*Kwantu għall-kwerelat, domandi fuq dawk il-fatti l-oħra ma jistgħux isirulu, għaliex, una volta ġew ammessi x-xhieda dwarhom, ix-xhieda tiegħu tkun "per relatum"; ammenokkè ma jkunx jaf xi ħaġa "di scienza propria".*

Il-Qorti — Rat il-kwerela ta' Amabile Cauchi, M.L.A., kontra Ġanni Attard, talli f'din l-aħħar sena, ġo r-Rabat ta' Għawdex u postijiet oħra, permezz ta' affidavit inġurjaħ gravement fl-unur tiegħu;

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru 1954, li biħ il-kwerelant ta lill-kwerelat formalment il-fakoltà li, fit-trattazzjoni tal-kawża, tiġi pruvata l-verità tal-fatti allegati fl-affidavit imsemmi fil-kwerela, u l-kwerelat aċċetta li jagħmel dik il-prova;

Rat il-verbal l-ieħor tal-istess data, minn fejn jirriżulta li l-kwerelat iddikjara li dak l-affidavit ġie maħluf u ffirmat minnu, u li l-firma "Ġanni Attard" hija tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fis-7 ta' Diċembru 1954, li biha ddeċediet billi sabet lill-kwerelat ħati skond l-imputazzjoni u kkundannatu għall-ħlas tal-multa ta' £5, bl-ispejjeż kollha għall-istess kwerelat;

Rat ir-rikors tal-kwerelat, li biħ appella mis-sentenza fuq imsemmija u talab li, prevja revoka tad-digriet tat-3 ta' Novembru 1954, dik il-Qorti tirrevoka wkoll is-sentenza fuq imsemmija;

Trattat l-appell fuq il-pont tad-digriet tat-3 ta' Novembru 1954;

Ikkunsidrat;

Kif jirriżulta mill-verbal fol. 9 tergo, il-kwerelat kien talab, quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad, li (a) isiru domandi tant lill-kwerelant kemm lill-kwerelat biex jgħidu jekk il-kwerelant ħax xi flus jew affarijiet oħra minn għand terzi persuni biex iqabbadhom xi xogħol mal-Gvern jew bħala rikompensa tax-xogħol li jkun kisbilhom, u li (b) jipproduċi għall-istess oġġett ix-xhieda nominati fl-istess verbal;

Bid-digriet fuq imsemmi, il-Qorti tal-Ewwel Istanza irrespinġiet il-prova hekk offerta;

Kwantu għax-xhieda;

Hu elementari li, meta l-kwerelat ikun ammess jagħmel il-prova tal-verità tal-fatti, allura l-pożizzjoni tinverti ruħha, "pro tempore", u hu jsir akkużatur privat, u l-kwerelant ikun qiesu fil-pożizzjoni ta' akkużat;

Il-Qrati Maltin, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza ngliża, ammettew li tista' ssir il-prova ta' attijiet "simili" li juru "a system of conduct" jew, kif tissejjaħ ukoll, "individual technique"; basta li jkun hemm xi konnessjoni bejn il-fatt in eżami u l-fattijiet li tintalab il-prova tagħhom;

Issa, il-fatt in eżami hu dak kontenut fl-affidavit, fol 5, fis-sens li l-kwerelant, allura membru tal-Assemblea Leġislattiva, irċieva flus minn għand il-kwerelat biex iħaddmu mal-Gvern. Il-fatti li tagħhom qegħedha tintalab il-prova huma ntiżi biex juru li l-kwerelant mexa bl-istess manjiera ma' diversi persuni oħra, fl-istess epoka li fiha kien membru ta' l-Assemblea Leġislattiva. Suppost veri dawn il-fatti ta' l-aħħar, allura juru "system of conduct", li ċjoè bniedem sistematikament japprofitta ruħu mill-kwalità tiegħu ta' deputat biex jirċievi flus jew rigali oħra biex iħaddem innies mal-Gvern. Hemm, għalhekk, dak in-"nexus" li jeħtieġ biex din il-prova issir ammissibbli;

Jgħid il-Harris (Wilshire edition), 1933 edition, p. 424, ċitat App. "Pulizija vs. Sammut" 31. 1. 49: — "In order to make evidence of this class admissible, there must accordingly be, either in proximity of time, or method, or circumstances, some nexus or connection between the act charged and the facts relating to previous or subsequent transactions which it is sought to give in evidence........"; u f'dan il-każ hemm appuntu dan in-nexus "in proximity of time, method, and circumstances";

Fil-każ "Rex vs. Giuseppe Vella" (Pres. Sir Art. Mercieca) 15. 9. 24, li fih ċertu Vella kien akkużat bi sperġur, ġew ammessi żewġ xhieda biex jgħidu li f'okkażjoni oħra l-akkużat kien ippropona lil waħda minnhom li tixhed il-falz favur il-kunjatu tagħha, u kien qalilha li, kieku kien hu, hekk kien jagħmel. Il-Qorti osservat li dawn il-provi kienu ammissibbli avvolja l-fatt kien distint, għaliex "la prova........ ha un influsso e una attinenza col delitto che forma l'oggetto della presente accusa, in quanto tende a di-

mostrare nell'accusato il piccolo conto in cui tiene il giuramento......... e la facilità che egli avrebbe all'occorrenza di violarlo.........", bl-istess mod li, fil-każ odjern, il-prova offerta, kieku ssir, turi ċertu sistema jew "individual technique" segwit mill-appellant;

Kwantu għad-domandi mitluba li jsiru lill-kwerelant u lill-kwerelat;

Domandi simili jkunu jistgħu talvolta jinkriminaw lill-kwerelant; u jista' għalhekk ma jirrispondix għalihom. Apparti dan, kif jgħid il-Frola — "Delle Ingiurie e Diffamazioni": — "L'istanza fatta dal diffamato a che il procedimento si estenda ad appurare i fatti, non autorizza il diffamatore stesso a chiedere che il diffamato stesso abbia ad essere interrogato come teste......"; u dan hu ragionevoli, għax, kif ingħad, il-kwerelant, una volta ammessa l-proċedura tal-prova tal-fatti, isir qiesu akkużat, u ħadd ma jista' jsejjaħ l-akkużat biex jixhed, jekk ma jagħżelx li jixhed hu stess;

Kwantu għad-domandi lill-kwerelat fuq dawn il-fatti l-oħra, la darba qegħdin jiġu ammessi x-xhieda dwarhom f'dan l-istadju, ix-xhieda tal-kwerelat fuq l-istess fatti tkun "per relatum", ammenokke' ma jafx xi ħaġa "di scienza propria";

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell mid-digriet fuq imsemmi, u tirriformah fis-sens li tammetti li jiġu prodotti x-xhieda msemmijin fil-verbal għall-oġġett fuq imsemmi; tiċħad li jsiru domandi dwar dawn il-fatti l-oħra lill-kwerelant (ammenokke' ma jkunx irid jixhed fuqhom hu stess); u tiċħad li jsiru domandi dwar dawn il-fatti l-oħra lill-kwerelat, ħlief in kwantu l-kwerelat jista' jgħid xi ħaġa dwarhom "di scienza propria";

L-ispejjeż jiġu provvduti mas-sentenza fill-meritu;
Tordna l-kontinwazzjoni tal-proċess.